**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 042/2017**

**LE u FE**

**(l-ilmentaturi)**

**vs**

**Crystal Finance Investments Ltd.**

**(C26761) (il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tal-10 ta' Dicembru 2018**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentaturi jissottomettu li huma ghamlu telf minn investimenti fit-tliet kontijiet li kellhom mal-*Crystal Finance Investments Limited.*

L-ilmentaturi jghidu li xi snin ilu investew il-flus li faddlu tul hajjithom f'*Euro Bond Portfolio* mal-provditur tas-servizz, liema decizjoni ta' investiment ittiehdet fuq il-parir u l-gwida tar-rapprezentant tal-istess provditur tas-servizz peress li huma m'humiex investituri professjonali. Huma jsostnu li dak iz-zmien kienu gew assigurati li l-investiment kien sigur u sod, fejn anke sahqu li kien gie spjegat lilhom li flushom kienu ser ikunu investiti f'kumpaniji diversi li kollha kienu jgawdu l-fiducja tal-provditur tas-servizz.

L-ilmentaturi ziedu li meta staqsew lill-provditur tas-servizz rigward is-sentenza '*il-passat mhux garanzija tal-futur*', huma gew assiguarati li din kienet biss formalità u li ma kellhomx fuq xiex jinkwetaw fir-rigward tal-ghazliet tal-istess provditur.

Huma issottomew li wara ftit taz-zmien, saru jafu minn rapporti fil-*media* lokali li kien hemm xi inkwiet, u wara diversi tentattivi sabiex jaghmlu kuntatt mal-

provditur tas-servizz minhabba l-flus li huma kellhom investiti, kien eventalment infurmahom li *"… kienu qed jiccekjaw il-kumpaniji, l-aktar il-kumpanija Mox."*[1]

Sussegwentement, gew infurmati li l-kumpanija *MOX* kienet suggett ta' frodi, u kellhom zewg ghazliet: jew li jhallu kollox kif inhu bir-riskju li jintilef il-kumplament, jew li jaghzlu li jbieghu, fejn dawn ghazlu din tal-ahhar rizultat tan-nuqqas ta' fiducja li, eventwalment, kellhom fil-provditur tas-servizz.

L-ilmentaturi indikaw li l-provditur tas-servizz qed jinzamm responsabbli ghal din is-sitwazzjoni peress li:

*"... kien xogholhom bhala konsulenti finanzjarji li jassiguraw li l-investimenti tal-klijenti taghhom, l-istess klijenti li qeghdin ihallsu ghal dan is-servizz, isiru f'kumpaniji ta' fiducja, bhal ma fuq kollox sahaq is-Sur Oliver Ellul b'konvinzjoni."*[2]

Barra minn hekk, huma tennew ukoll li l-fatt li l-kumpanija *MOX* instabet li kienet kaz ta' frodi juri bic-car li l-provditur tas-servizz m'ghamilx ir-ricerki necessarji li kien mistenni u, ghalhekk, ihossu li l-istess provditur ghandu jaghtihom lura d-differenza tal-flus mitlufa ghaliex:

*"… ir-raguni tat-telf giet ikkawzata minn nuqqas ta' serjetà li wriet il-Crystal Finance meta ma saritx id-diligenza dovuta kif suppost, qabel ma offriet servizz ta' investiment f'din il-kumpanija."*[3]

Ghaldaqstant, huma qed jitolbu li jinghataw lura s-somma ta' €6,790.55, li hekk kif indikaw huma stess, hija s-somma nieqsa mill-investiment inizjarju mit-tliet kontijiet, flimkien mal-interessi mitlufa fuq l-istess investimenti.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament, l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (l-"**Arbitru**") m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-vertenza odjerna billi l-partijiet issottomettew ghal gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan *ai termini* tal-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreements* (annessi u

[1] A fol. 8
[2] A fol. 9
[3] Ibid.

mmarkati bhala ***'Dok CFI1'***, ***'Dok CFI2'*** rispettivament) liema artikolu jispecifika bl-aktar mod car illi '*This Agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts,*' u ghalhekk l-Arbitru ghandu jiddeciedi li jieqaf f'dan l-istadju milli jipprocedi bis-smigh u decizjoni dwar il-mertu ta' dan l-Ilment;

2. Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, is-Socjetà Esponenti teccepixxi in-nullità tal-Ilment *ai termini* tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta inkwantu iffaccjata bl-Ilment kif gie redatt, is-Socjetà Esponenti ma tistax tressaq difiza adegwata billi mill-istess Ilment ma jirrizultax/jirrizultawx in-nuqqas/ijiet tas-Socjetà Esponenti li jaghtu lok ghall-Ilment u kwalunkwe dritt pretiz minnu. Fic-cirkostanzi ma huwiex possibbli li s-Socjetà Esponenti taghraf il-bazi tal-istess Ilment (u allura l-eccezzjoni u sussegwentement il-prova li trid tressaq) biex tiddefendi lilha nfisha adegwatament kif hu dritt indisputibbli taghha u xi provi tressaq biex ixxejjen il-pretensjoni ghad-danni allegati li fi kwalunkwe kaz huma r-rizultat ta' fatturi totalment estranei ghas-Socjetà Esponenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ilment huwa mimli inezattezzi b'sensiela ta' allegazzjonijiet bla bazi u inveritieri sabiex jinsgu storja artificjali tar-rapport bejn l-investituri Ilmentaturi u s-Socjetà Esponenti kif se jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, subordinatament u fil-mertu, l-Ilment u l-allegazzjonijiet tal-Ilmentaturi huma ghal kollox fiergha u infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghaliex f'kull waqt is-Socjetà Esponenti agixxiet kif rikjest mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-oghla livell ta' diligenza mistennija fil-ligi, kif jista', jekk ikun hemm il-htiega, jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz;

5. Illi fil-mertu l-Ilment u t-talbiet tal-atturi huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi qeghdin jibbazaw l-Ilment taghhom fuq il-fatt illi allegatament riedu investiment

‘*sigur u sod’* u li huma m’humiex ‘*investituri professjonali’*. Filwaqt illi s-Socjetà Esponenti taghmilha cara illi kienu huma li iddeciedew illi jinvestu flushom f’investimenti mas-Socjetà Esponenti minghajr ebda pressjoni da parti tas-Socjetà Esponenti, kif ukoll kienu huma li riedu imghax gholi allavolja gie spjegat lilhom li dan ifisser riskju oghla, is-Socjetà Esponenti ma taqbel assolutament xejn mal-allegazzjonijiet maghmula f’dan l-Ilment. Anzi ssostni li l-klijenti kienu ben infurmati dwar ir-riskju li anke jistghu jitilfu il-kapital jew parti minnu, u dan mhux biss fehmuh izda ffirmaw ghalih. Wara kollox l-investiment kien wiehed f’*bonds* semplici, addattat ghat-tip ta’ investitur mhux professjonali, facli biex tfehmhom u facli biex wiehed jifhimhom u ma kien hemm ebda element ta’ *mis-selling;*

7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Ilment huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez ghaliex:

   a) Illi d-dannu jew telf li garrbu l-Ilmentaturi, jekk sehh, sehh totalment bhala rizultat ta’ cirkostanzi, avvenimenti u interventi ta’ terzi li fuqhom assolutament ma kellhom, jew ma seta’ jkollhom, l-ebda kontroll is-Socjetà Esponenti, kif jidher car mill-komunikazzjonijiet ta’ *Mox Telekom AG Ltd.* ***(‘Dok CFI3’, ‘Dok CFI4’*** u ***‘Dok CFI5;)*** li ntbaghtu lill-Ilmentaturi. Ghalhekk kwalunkwe telf li garrbu l-atturi huwa rizultat ta’ *Market* u *Credit Risk*, riskju inerenti ta’ kull investiment finanzjarju, u dan kif gie spjegat lill-Ilmentaturi mir-rapprezentanti tas-socjetà konvenuta, kif ukoll miktub fid-dokumenti provduti lill-Ilmentaturi liema dokumenti huma stess kien iffirmaw, inkluz ir-*ratings* tal-*bonds, (vide* ***‘Dok CFI6’***), u kif ukoll spjegat lilhom fil-korrispondenza qabel dan l-Ilment, u liema *bonds* ***6.75% Steilman 2017; 7.25% Mox Telekom AG 2017; 7% Homann Holzwerkstoffe GmbH 2017*** f’BP210, kienu, fil-hin meta nghata l-parir lill-atturi, jghoddu jew *suitable* ghalihom, u tul ir-relazzjoni kollha bejn il-partijiet li bdiet fis-sena 2011, qatt u fl-ebda mument ma kien hemm investiment mhux skont kif tirrikjedi s-sengha u l-arti u mhux konformità mal-istruzzjonijiet tal-Ilmentaturi stess;

   b) L-Ilmentaturi investew f’*bonds* u investimenti tal-istess tip mis-sena elfejn u hdax (2011), u konvenjentement mhumiex jikkunsidraw l-investimenti li saru mill-bidu tar-relazzjoni bejn il-partijiet mis-sena

2011. Kull tranzazzjoni fejn diversi drabi l-Ilmentaturi inghataw aktar minn ghazla wahda ta' fejn jinvestu flushom. Huwa wisq facli u kontra kull principju ta' *portfolio theory* li investitur izomm ghalih il-qligh sostanzjali li ghamel tul iz-zmien mill-portafoll ta' investimenti u mbaghad jippretendi li *advisor*, f'dan il-kaz, is-Socjetà Esponenti, minkejja r-*risk warnings* li jkun ta lill-klijent bil-fomm u bil-miktub, jidhol jaghmel tajjeb ghal xi investiment partikolari li jmur hazin minkejja li dan jigri minhabba cirkostanzi li graw ferm wara li jkun inghata l-parir, cirkostanzi li ma kinux prevedibbli fil-mument li fih sar l-investiment.

c) Ma tezisti u lanqas ma nghatat, kif ma setghetx tinghata, ebda garanzija awtomatika li investiment bhal dak jirrendi dak li kien minnu mistenni kif ukoll jithallas lura l-kapital wara li jimmatura ghaliex l-investiment hu dak li hu u l-investitur ma jistax jibdel il-karatteristici tieghu.

d) Is-Socjetà Esponenti dejjem imxiet mal-obbligi taghha, skont kif tirrikjedi l-ligi u anke bosta regolamenti taht il-*MiFID* (*The Markets in Financial Instruments Directive*) minghajr ebda preferenza lejn xi tip jew grupp ta' klijenti fuq iehor. Dan oltre li l-ligi dwar is-servizz tal-investiment u l-*MiFID*, kif ukoll it-*Terms of Business* bejn il-klijent u *Crystal* kollha jipprovdu li l-obbligi ta' *Crystal* kien li jaghtu parir gust u professjonali a bazi ta' informazzjoni disponibbli fil-hin li jsir l-investiment, f'dan il-kaz 24.02.2014. Jekk wara c-cirkostanzi jinbidlu b'mod imprevedibbli u dan iwassal ghal waqgha fil-prezz tal-*bond*, dan huwa riskju li jrid igorru l-investitur bhalma l-investitur igawdi mill-qligh fuq investimenti li jmorru tajjeb.

e) Jekk jigi accettat ragunar li klijent igawdi l-qligh fejn l-investimenti jmorru tajjeb, izda fejn imorru hazin il-provditur tas-servizz irid jaghmel tajjeb in parti jew fl-intier, allura dan ifisser theddida ghas-sostenibbilità tal-industrija tal-investimenti f'Malta ghax l-industrija ma tistax tippartecipa f'loghba li wicc jirbah il-klijent u rgejjen titlef l-industrija. Fil-fatt meta wiehed iqis il-qligh li l-klijent kellu minn investimenti ma' *Crystal* ma jirrizultax li l-klijent ghamel telf izda qieghed s'issa bejn wiehed u iehor f'pozizzjoni newtrali.

f) L-obbligi ta' *Crystal* skont il-ligi u skont il-ftehim mal-klijent tat-*Terms of Business* huwa li tibghat *statement* kull sitt xhur b'valutazzjoni korretta u li tinforma lill-klijent dwar xi *default* jew *corporate actions* li jista' jkun hemm fuq il-*bond* investit. Ma hemmx obbligi li jinforma lill-klijent bit-tibdil fil-prezz ghax dan huwa process kontinwu u anke jekk ikun hemm tibdil sostanzjali fil-prezz, mhux dejjem ikun car ghaliex dan gara u jehtieg iz-zmien biex issir ir-ricerka halli *Crystal* tifforma opinjoni dwar jekk il-prezz waqax hafna b'mod li wiehed ahjar jistenna jew fadallux aktar x'jaqa' u, allura wiehed ahjar jillikwida. *Bonds* ta' kumpaniji (*corporate bonds*), huma aktar suggettibbli ghal tibdil fil-prezz minhabba diceriji mhux ippruvati u spekulazzjoni minn *vulture investors.*

g) Il-klijent u l-Arbitru ma ghandhomx jippretendu li *Crystal* taghti servizz oltre minn dak miftiehem u minn dak li tipprovdi l-ligi. Is-servizz li ghazlu l-Ilmentaturi kien wiehed ta' parir u ghazla f'idejn l-Ilmentaturi (*advisory service*), u mhux f'idejn id-diskrezzjoni tas-Socjetà Esponenti (*discretionary service*) fejn l-ghazla taqa' biss f'idejn is-Socjetà minghajr konsultazzjoni mal-Ilmentaturi. Servizz ta' *discretionary management* jitlob *fees* akbar u rapportagg aktar frekwenti minn servizz ta' *advisory service* li ghazel il-klijent.

   Oltre minn dan, *Crystal* issostni illi l-Ilmentaturi dejjem kienu mgharrfa u ippartecipaw fuq kull decizjoni u kienu aggornati permezz ta' *statements*, diversi laqghat u anke permezz ta' korrispondenza li intbaghat lilhom regolari meta kien hemm zviluppi li fuqhom *Crystal* kellha fatti x'tirrapporta.

8. Illi fl-ahhar nett, jinghad illi s-Socjetà Esponenti ma thossx illi hemm rimedju ghall-Ilment kif imressaq mill-Ilmentaturi peress illi l-Ilment mhuwiex gustifikat.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

**Sema' lill-partijiet u ra l-*affidavits* ipprezentati,**

**Ra l-atti kollha tal-kaz.**

**Jikkonsidra**

**Eccezzjonijiet Preliminari:**

L-ewwel eccezzjoni tirrigwarda l-gurisdizzjoni tal-Arbitru. A skans ta' repetizzjoni, l-Arbitru jaghmel referenza ghad-decizjoni moghtija minnu fil-Kaz Nru 011/2017 fl-ismijiet ***AR vs Crystal Finance Investments Ltd. fl-4 ta' Dicembru 2018***, ghal diversi decizjonijiet ohra precedenti kif ukoll ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Theresa Camilleri vs Crystal Finance Investments Ltd. deciza fil-5 ta' Novembru 2018,*** u ghall-istess ragunijiet moghtija f'dawn id-decizjonijiet dwar din l-eccezzjoni qed jichad din l-eccezzjoni.

It-tieni eccezzjoni dwar nullità hija wahda fiergha u l-Arbitru jaghmel referenza ghad-decizjoni moghtija minnu fil-Kaz Nru. 075/2017 fl-ismijiet ***GN vs Crystal Finance Investments Ltd. deciza fl-4 ta' Dicembru 2018,*** u ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Carmel Bartolo et vs Crystal Finance Investments Ltd. tal-5 ta' Novembru 2018,*** u ghall-istess motivazzjoni moghtija fihom, qed jichad din l-eccezzjoni.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa ekwu, gust u ragonevoli skont ic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[4]

Il-lanjanza ewlenija li qed iqajjmu l-ilmentatrui huwa dwar il-fatt li, skont huma, il-provditur tas-servizz m'ghamilx *due diligence* tajba tal-*bond MOX* meta bieghilhom dan il-prodott. Isemmu tliet kontijiet li dwarhom qed jilmentaw imma l-enfasi tal-ilment huwa li bhala kumpanija professjonali, il-provditur tas-servizz kellu jaghmel xogholu ahjar u *"… ir-raguni tat-telf giet ikkawzata minn nuqqas ta' serjetà li wriet il-Crystal Finance meta ma saritx id-diligenza dovuta kif suppost, qabel ma offriet servizz ta' investiment f'din il-kumpanija."*[5]

[4] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[5] A fol 9

Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz jghid li kienu l-ilmentaturi infushom li riedu imghax gholi allavolja gie spjegat lilhom li dan ifisser riskju oghla, filwaqt li kienu infurmati dwar ir-riskju li anke jistghu jitilfu l-kapital jew parti minnu.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz jghid li l-ilment imressaq a bazi tal-fatt li, fost ohrajn, id-dannu jew telf li garrbu l-ilmentaturi, jekk sehh, sehh totalment bhala rizultat ta' cirkustanzi, avvenimenti u interventi ta' terzi li fuqhom l-istess provditur ma kellu jew seta' jkollu l-ebda kontroll, filwaqt li t-telf sostnut kien kawza ta' *Market u Credit Risk* li hu parti mir-riskju li jgib mieghu investiment finanzjarju. Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz sahaq li l-*bonds 6.75% Steilman 2017; 7.25% Mox Telecom AG 2017 u 7% Homann Holzwerkstofee GmbH 2017*, liema *bonds* kienu jiffurmaw parti mill-BP210, kienu, fil-hin meta nghata l-parir, jghoddu jew *suitable* ghall-ilmentaturi.

Jghid ukoll li ma nghatat l-ebda garanzija awtomatika li l-investiment mibjugh jirrendi dak li kien mistenni minnu kif ukoll jithallas lura l-kapital wara li dan jimmatura, u dan minbarra l-fatt li s-servizz li ghazlu l-ilmentaturi kien wiehed ta' parir u ghazla f'idejn l-ilmentaturi (*advisory service)* u mhux f'idejn id-diskrezzjoni tal-provditur tas-servizz minghajr l-ebda konsultazzjoni mal-ilmentaturi *(discretionary service).* Fuq kollox, il-provditur tas-servizz isostni ukoll li l-ilmentaturi investew f'*bonds* u investimenti tal-istess tip mis-sena 2011 u, konvenjentemen,t mhumiex jikkunsidraw l-investimenti li saru mill-bidu tar-relazzjoni bejn il-partijiet mis-sena 2011.

**Ir-Relazzjoni tal-Ilmentatur mal-Provditur tas-Servizz**

Ir-relazzjoni tal-ilmentaturi mal-provditur tas-servizz bdiet fis-sena 2011, fejn l-ilmentaturi, b'mod kongunt, investew is-somma ta' €10,000 f'*bond portfolio* BCE87.

Mid-dokumentazzjoni pprezentata, jidher li, apparti tranzazzjonijiet ta' investiment b'mod kongunt, l-ilmentaturi kellhom ukoll investimenti f'isimhom biss b'mod individwali u, ghaldaqstant, l-ilmentaturi kellhom tliet kontijiet mal-provditur tas-servizz. Il-lista tal-investimenti pprovduta mill-provditur tas-servizz, li hija intitolata bhala *Gain/Loss Analysis,*[6] tirrifletti t-tranzazzjonijiet ta' investiment li l-ilmentaturi ghamlu mis-sena 2011.

---

[6] A fol. 205

Fl-ilment taghhom, l-ilmentaturi indikaw it-tliet kontijiet li huma kellhom mal-provditur tas-servizz bl-ammont investit u t-telf sostnut fuq kull kont. Minkejja li huma naqsu milli jindikaw specifikament liema kienu il-*bond portfolios* li minnhom huma garrbu dan it-telf, kemm fl-ilment taghhom kif ukoll fix-xhieda li huma taw, kontinwament ghamlu referenza ghal investiment fil-kumpanija *MOX*. A bazi tad-dokumentazzjoni pprezentata, jirrizulta li l-*MOX* kienet *bond* sottostanti li tifforma parti minn *bond portfolio* BP210, liema portafoll kien gie mibjugh kemm lill-ilmentaturi b'mod kongunt, kif ukoll lill-ilmentatrici f'isimha biss. Minkejja li kontinwament ghamlu referenza ghal *MOX*, it-tielet kont, jigifieri dak f'isem l-ilmentatur biss, ma kien jinkludi l-ebda portafoll li *bond* sottostanti minnu kienet il-*MOX*.

**L-Investiment li dwaru qed jitressaq dan l-Ilment**

L-investiment ewlieni li dwaru qed jitressaq dan l-ilment huwa l-*bond* ***MOX Telecom,*** li flimkien ma' zewg *bonds* sottostanti ohra, kienu jiffurmaw il-BP210, portafoll ikkreat internament mill-provditur tas-servizz. Skont it-*Term Sheet*[7], il-*MOX Telecom* kien jirrapprezenta 35% ta' dan l-istess portafoll. Il-*MOX* kienet provditur tas-servizz tat-telefonija internazzjonali u li l-prodotti u s-servizzi taghha kienu jitqassmu f'madwar 50 pajjiz madwar id-dinja.

Il-*bond* mahruga mill-*MOX* kienet inharget fis-sena 2012. F'Settembru 2013,[8] l-agenzija ta' kreditu internazzjonali *Creditreform* kienet ikkonfermat ir-*rating* ta' BBB fir-rigward ta' *MOX* li, skont l-istess agenzija, dan ir-*rating* gholi u sodisfacenti kien oghla mill-medja meta mqabbel mal-ekonomija u l-industrija. Minn taghrif miksub kien hemm indikazzjonijiet li l-*MOX* kellha prospetti tajba hafna tant li wasslu lil *Creditreform* taghti *rating* pjuttost sodisfacenti bhal dan kemm fis-sena 2012 (meta giet mahruga l-*bond*) u anke fis-sena ta' wara.[9]

Kien dan l-istess *rating* li gie kkwotat mill-provditur tas-servizz fit-*Term Sheet* ipprezentata lill-ilmentaturi meta gie mibjugh il-BP210 lilhom fi Frar 2014. L-ammont investit fil-BP210 mill-ilmentaturi b'mod kongunt kien dak ta' €10,000, filwaqt li l-ammont investit mill-ilmentatrici f'isimha biss kien ta' €7,000.

---

[7] A fol. 81
[8] https://www.finanzen.ch/nachrichten/aktien/dgap-news-mox-telecom-ag-644227
[9] https://www.finance-magazin.de/finanzierungen/kredite-anleihen/creditreform-weist-klage-wegen-mox-telecom-rating-zurueck-1339559/

F'Gunju 2014, kien sar maghruf li l-*MOX* kellha djun ta' €73 miljun[10] meta l-ammont ta' assi likwidi kienu madwar €2.6 miljun. Jidher li l-banek ma kinux lesti jgeddu self lill-kumpanija b'konsegwenza li l-kumpanija applikat fil-qrati Germanizi ghal protezzjoni bil-ghan li tkun tista' tmexxi hi l-process ta' falliment.[11]

Fl-*affidavit* tieghu, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz stqarr li:

*"It-telf ta' MOX gie kkawzat minn frodi interni li ma setax ikun vizibbli fil-mument li sar l-investiment tant li l-prezz tal-bond stabat overnight meta harget l-ahbar ta' falliment habba frodi."*[12]

**Konsiderazzjonijiet Ohra u Konkluzjonijiet Finali**

Il-punt krucjali mressaq f'dan l-ilment kien partikolarment jittratta l-fatt li l-provditur tas-servizz naqas milli jaghmel il-verifiki necessarji qabel ma gie offrut l-investiment fil-*MOX*, dan meta issottomettew li:

*"Il-fatt li l-kumpanija MOX instabet li kienet kaz ta' frodi juri bic-car li Crystal Finance m'ghamlitx ir-ricerki necessarji li hija mistennija li taghmel … ir-raguni tat-telf giet ikkawzata minn nuqqas ta' serjetà li wriet il-Crystal Finance meta ma saritx id-diligenza dovuta kif suppost, qabel ma offriet servizz ta' investiment f'din il-kumpanija."*[13]

Dan gie ikkonfermat anke mill-ilmentatrici meta xehdet:

*"Nghid li dwar dak li qed nghid fl-ilment, li l-Crystal Finance kellha taghmel ricerki ahjar dwar il-MOX dwar il-frodi …"*[14]

Kif digà intqal f'din id-decizjoni , meta l-*MOX* gie mibjugh lill-ilmentaturi bhala parti mill-BP210, dan kellu *credit rating* ta' BBB, u hekk kif anke deskritt fit-*Term Sheet, Low Investment Grade*. Barra minn hekk, kif qal ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz fl-*affidavit* tieghu:

---

[10] https://www.anwalt.de/rechtstipps/mox-telecom-ag-anleger-verklagen-ratingagentur-creditreform-rating-ag-auf-schadenersatz_067614.html

[11] http://www.anleihen-finder.de/mox-telecom-ag-zahlungsunfaehigkeit-wegen-fehlender-bankenfinanzierung-30-millionen-euro-fehlen-schutzschirmverfahren-beantragt-00017356.html

[12] A fol. 128

[13] A fol. 9

[14] A fol. 119

*"Fil-mument tal-investiment il-prezz tal-Bond ilmentat (MOX) kien kwazi 100% u ma kien hemm xejn x'juri li dan il-bond kien ser jissarraf f'telf."*[15]

Dan jista' anke jigi kkonfermat mill-illustrazzjoni[16] t'hawn taht:




Din l-illustrazzjoni t'hawn fuq turi bic-car l-andament pozittiv tal-*bond* minn meta din giet mahruga fl-2012 sa ftit wara li din giet mibjugha lill-ilmentaturi. Huwa evidenti li, hekk kif anke tenna l-provditur tas-servizz, il-valur tal-*bond* kien kontinwament vicin dak *par* u f'daqqa wahda dan nizel ghal taht l-20%.

Bhala *credit rating,* il-*MOX* kienet inghatat *rating* ta' BBB, li ghalkemm f'livell baxx, huwa kkategorizzat bhala *investment grade*. L-istess *rating* kien gie ikkonfermat sena wara l-hrug ta' din il-*bond* fejn, imbaghad, kien proprju wara li din il-*bond* giet offruta mill-provditur tas-servizz lill-ilmentaturi bhala parti mill-portafoll li nholqu l-problemi.

---

[15] A fol. 128

[16] https://www.finanzen.ch/obligationen/chart/de000a1re1z4

Ghalhekk ma jistax jinghad li fir-rigward tal-*MOX*, il-provditur tas-servizz naqas milli jaghmel il-verifiki necessarji sabiex jizgura li l-investiment li kien qed jigi offrut lill-ilmentaturi kien wiehed tajjeb.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li waslu ghaliha l-ilmentaturi, jigifieri li l-provditur tas-servizz kien b'xi mod negligenti fl-ghazla tieghu tal-*MOX* u, ghalhekk, ma jistax jilqa' l-ilment u jaghti kumpens fuq in-numri tal-kont 7000804 u 7000179, jigifieri dak f'isem l-ilmentatrici u dak kongunt rispettivament, li kienu jinkludu l-BP210 li l-*bond MOX* kienet tifforma parti minnu.

Fir-rigward tan-numru tal-kont 7000803, l-ilmentaturi qed jitolbu li jinghataw lura s-somma ta' €671.57. Mid-dokumenti pprezentati, jirrizulta li t-telf sostnut fuq dan il-kont kien minn investiment f'*bond portfolio* BP159. Filwaqt li l-ilmentaturi ma gabux provi bizzejjed biex juru li t-telf li garrbu minnu kien htija tal-provditur tas-servizz, in kontroezami l-ilmentatrici xehdet li:

*"Nghid li l-ahhar kont konna gbidnih ghax bzajna li nistghu nitilfu kollox."*[17]

Din hi evidenza li kienu l-ilmentaturi infushom li, ghal xi raguni jew ohra, iddecidew li jitterminaw l-investiment li kien fadlilhom mal-provditur tas-servizz, u kien proprju rizultat ta' din l-ghazla, forsi mhux f'waqtha, li wasslet ghal dan it-telf. Dan, ghalhekk, ifisser li mhuwiex gust li l-ilmentaturi jattribbwixxu t-telf sostnut minn dan l-investiment lill-provditur tas-servizz fuq decizjoni taghhom stess li jwaqqfu l-investiment.

**Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha moghtija f'din id-decizjoni, l-Arbitru ma jqisx li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli u qed jichdu.**

Però, l-Arbitru jhoss li ghandu jikkummenta dwar mumenti fejn l-affarijiet ma jkunux sejrin kif mixtieq u provditur tas-servizzi finanzjarji ghandu jaghti s-sapport mehtieg lill-klijenti tieghu f'dawn il-mumenti u jurihom l-istampa kif tkun u mhux jipprova jiskartahom fl-aktar waqt li l-konsumatur ikollu bzonn l-ghajnuna.

Dan qed jinghad ghaliex ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz m'ghamilx sew meta l-ilmentatrici kienet tavvicinah ghax bdiet tisma' fil-midja li l-provditur

[17] A fol. 119

tas-servizz kien qed jiffaccja certi problem f'certi investimenti, inkluzi taghhom, u hu beda jahrabha. Fl-ahhar mill-ahhar, hu mistenni minn provditur tas-servizzi finanzjarji li jagixxi bl-aktar mod professjonali possibbli.

**Peress li l-Arbitru cahad l-eccezzjonijiet preliminari tal-provditur tas-servizz, kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**